Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Ġunju 2022**
**(OR. fr)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2012/0060(COD)**

**9977/22**
**ADD 2 REV 1**

**CODEC 872**
**POLCOM 49**
**COMER 76**
**MAP 15**
**MI 458**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-akkwist pubbliku u għall-konċessjonijiet tal-Unjoni u li jistabbilixxi l-proċeduri li jappoġġjaw in-negozjati marbuta mal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi, tal-prodotti u s-servizzi tal-Unjoni għas-swieq tal-akkwist pubbliku u għall-konċessjonijiet ta' pajjiżi terzi (Strument għal Akkwist Internazzjonali - IPI) **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjoni |

**<u>Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kompetenza esklużiva</u>**

**<u>fir-rigward tar-Regolament (UE) 2022/xxx)</u>[***]**

Kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 2/15 tagħha, il-parteċipazzjoni ta' operaturi ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi fil-proċeduri ta' akkwist tal-Unjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni li għaliha, kif iddikjarat b'mod espliċitu fl-Artikolu 3(1)(e) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva. Għalhekk, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti tagħhom ma għandhom jadottaw jew iżommu l-ebda miżura leġiżlattiva jew miżura oħra ġeneralment applikabbli li tirregola l-aċċess minn operaturi

[**] ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tal-pubblikazzjoni u nota f'qiegħ il-paġna bir-referenza tal-pubblikazzjoni tad-dokument 2012/0060(COD).

ekonomiċi, prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi lil hinn minn dawk applikati skont dan ir-Regolament u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.